**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 105/2017**

**PQ ('l-ilmentatrici')**

**vs**

***All Invest Company Ltd.*** **(C 22239)**

**('il-provditur tas-servizz')**

**Seduta tas-27 ta' Mejju 2019**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** fejn l-ilmentatrici tghid li garrbet telf ta' €7,035.20, meta l-provditur tas-servizz ma spjegalhiex ir-riskji involuti fl-*SNS Subordinated Bond 2020* (*SNS*) u ma kellux jinvestilha flusha fih.

Illi, peress li hija kienet digà garrbet telf minn xi investimenti precedenti, hija riedet tinvesti fi prodott fejn il-kapital ikun garantit. Hija ffirmat id-dokumenti li ntalbet tiffirma peress li inghatat l-assikurazzjoni li dawn il-*bonds* kienu *bonds* sikuri.

L-arrangament kien li hija kellha tircievi l-imghaxijiet fuq l-investiment kull sena.

Peress li hija ma kinetx tifhem fl-investimenti, kien it-tifel taghha li kien imexxiha u anke kien hu li kkuntattja lil Gottfried Catania biex jghidilhom kif kien sejjer il-prodott. Dan gara ghaliex fl-2012, semghet li *All Invest* kienet tilfet hafna flus fuq investimenti li kienet ghamlet lill-klijenti taghha u anke li kienu fethulha kaz il-Qorti.

Gottfried Catania accerta lil binha li dak il-kaz ma kellu x'jaqsam xejn mal-kaz t'ommu.

Fis-26 t'Awwissu 2013, irceviet ittra minghand *All Invest* fejn infurmawha biex tittrasferixxi l-*holdings* li kellha ma' *Sparkasse Bank* li kellu *holding account* tal-klijenti u, peress li ma kinetx tifhem f'dawn l-affarijiet, iffirmat dik l-ittra.

Meta fl-2014 intbaghtet *email* minn binha lil Gottfried Catania, dan irrispondih li hu ma kienx ghadu jahdem ma' *All Invest* ghaliex kienet ghalqet u ma setax jiccekkja l-investiment li kellha ommu, però, kien jaf li l-*SNS* kien mar hazin u l-Gvern Olandiz kien innazzjonalizza l-Bank u gie ordnat jikkumpensa lill-investituri, imma kien appella u kienu qed jistennew l-ezitu tal-Appell fil-Qorti Olandiza. Qallu wkoll li jekk ikun hemm xi zviluppi, *Sparkasse Bank* kien jinfurmahom.

Minn dakinhar qatt ma semghet xejn u issa indunat li l-provditur tas-servizz kien ingannaha ghax mhux biss kien qiesha bhala '*experienced investor*' imma wkoll ghaliex hija riedet investiment sikur u l-*SNS* ma kienx.

Illi minkejja li l-avukat taghha kien kiteb lil *All Invest*, din ma kinetx wiegbet ghall-ittra taghha, u sad-data tal-ilment ma kienet hadet xejn mill-flus li investiet.

Il-kumpanija kienet hadet vantagg mill-fiducja li l-ilmentatrici kienet tathom.

Qieghda titlob li tinghata s-somma ta' €7,035.20, li hija tilfet u l-imghax fuqhom.

**Ra r-Risposta tal-Provditur tas-Servizz li tghid**:

1. Illi, preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ohrajn, in kwantu illi nonostante t-talbiet fl-ilment, il-mertu tal-ilment proprju huwa dikjarat li huwa:

    i. *SNS Subordinated Fund* ta' €7,035 flimkien mal-imghax, liema investiment sar fit-12 ta' Awwissu 2011.

    Ghalhekk jigi eccepit illi l-esponenti ma hiex il-legittimu kuntradittur tal-ilmentatrici u l-eccepjenti m'ghandha ebda kontroll u lanqas ma tiggestixxi hija l-investimenti *de quo* peress illi l-esponenti hija biss intermedjarju u, ghaldaqstant, ma tistax tinzamm responsabbli ghal kwalunkwe telf ta' investimenti li setghu ingarrbu;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni odjerna hija preskritta *ai termini* tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni odjerna hija perenta *ai termini* tal-Artikolu 1222(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu jidher illi l-ilment odjern jittratta allegazzjoni li l-kunsens tal-ilmentatrici ttiehed b'xi qerq jew li ma kinux informati bin-natura u riskji tal-investimenti b'tali mod li kieku ma kinux jidhlu ghalihom;

4. Illi l-ilmentatrici kienet giet ikklassifikata bhala investitur b'esperjenza. Tant hu hekk li fl-ewwel paragrafu tal-ispjega tal-ilment taghha hija tiddikjara li gja kellha esperjenza qabel u gja kienet garrbet telf ta' investiment. Kienet konsapevoli li fl-investimenti hemm ir-riskji, liema riskji necessarjament jirreferu ghal telf possibbli ta' kapital, u ghandha terfa' r-responsabbiltajiet taghha qua investitur billi terfa' l-piz tat-telf allegatament subit, liema telf ghad irid jigi ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi;

5. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-ilment odjern jidher illi huwa bbazat fuq allegazzjoni li l-ilmentatrici ma gietx infurmata illi l-kapital mhux garantit – intant l-ilmentatrici ma ssostnix illi hija garrbet xi telf – ma hux mifhum ghalhekk ezattament l-ilment x'inhu – haga li l-ilmentatrici trid ticcara u, ghaldaqstant, l-eccepjenti tirriserva minn issa illi tressaq eccezzjonijiet ulterjuri skont il-kaz kemm-il darba l-ilmentatrici ssostni li l-ilment taghha huwa xi haga differenti mill-kwistjoni ta' tehid ta' kunsens;

6. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, in-nazzjonalizzazzjoni tal-*SNS NV Bank*, u/jew l-esproprju tal-investiment *de quo* bit-telf li dan gab mieghu ghandu jitqies bhala *'casus'*;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra:**

***Eccezzjonijiet Preliminari***

***Eccezzjoni li l-Provditur tas-Servizz mhux il-Legittimu Kontradittur***

Il-provditur tas-servizz jghid fir-risposta tieghu li galadarba l-ilmentatrici qed tghid li garrbet telf fuq il-kapital fl-*SNS,* il-provditur tas-servizz mhux il-legittimu kontradittur peress li ma kienx hu li ggestixxa l-investiment u kien biss intermedjarju.

L-Arbitru ma jistax jilqa' din l-eccezzjoni ghaliex l-ilment mhuwiex li l-provditur tas-servizz iggestixxa hazin l-investiment imma li l-provditur tas-servizz biegh lill-ilmentatrici prodott hazin ghaliex ma kienx addattat ghar-riskji li riedet tiehu; u kien ingannaha meta hi riedet prodott b'kapital sikur u l-prodott li inghatalha ma kienx b'kapital garantit.

M'hemm l-ebda dubju li kien hemm relazzjoni guridika bejn l-ilmentatrici u l-provditur tas-servizz. Kemm mill-korrispondenza li ghaddiet bejn il-partijiet, kif ukoll mid-dokumenti esebiti bhall-*Purchase Contract Note* u l-*File Note,* tirrizulta relazzjoni guridika bejn il-partijiet. Ghalhekk m'hemmx dubju li l-provditur tas-servizz huwa l-legittimu kontradittur.

Il-provditur ma ressaq l-ebda provi biex jissustanzja din l-eccezzjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet, din l-eccezzjoni qieghda tigi michuda.

***Eccezzjonijiet ta' Preskrizzjoni***

Il-provditur tas-servizz qed jecepixxi l-preskrizzjoni *ai termini* tal-Artikoli 1222(1) u 2153 tal-Kodici Civili.

L-Artikolu 1222(1) huwa bazikament immirat meta ssir azzjoni ghar-rexxissjoni ta' obbligazzjoni.

Dwar il-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 1222(1) tal-Kodici Civili, il-ligi tipprovdi li:

'*L-azzjoni ghal rexxissjoni minhabba vjolenza, zball, ghemil doluz, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni eghluq sentejn (2). Dan jghodd ukoll ghar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet minghajr kawza, jew maghmulin fuq kawza falza.'*

Din il-preskrizzjoni ma tapplikax ghal dan il-kaz ghaliex mhix tintalab rexxissjoni ta' obbligazzjoni u, ghalhekk, qed tigi michuda.

L-eccezzjoni l-ohra hija bbazata fuq il-preskrizzjoni *ai termini* tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16.

Il-Qrati taghna irritenew li din il-preskrizzjoni tapplika biss fejn hemm htija akwiljana indipendenti mit-twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali:

Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet '***Improved Design Limited vs Dr. Michael Gialanze'***,[1] il-Qorti spjegat:

*'Illi ghall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-ligi taghraf tliet ghamliet ta' azzjoni ghad-danni, u jigifieri: (a) azzjoni dwar hsarat imnissla minn ghamil li jikkostitwixxi reat, f'liema kaz, iz-zmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-ligi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat; (b) azzjoni ghall-hsarat imnisslin minn delitt jew kwazi-delitt (l-hekk imsejha culpa aquiliana), f'liema kaz il-preskrizzjoni hija ta' sentejn (principju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili); u (c) azzjoni ghall-hsarat imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' obbligazzjoni li mhix imfissra f'att pubbliku, f'liema kaz il-preskrizzjoni hija dik ta' hames (5) snin …….*

*Illi l-fattur li jsejjes il-htija akwiljana (jew dik li titnissel barra r-rabta kuntrattwali) huwa dak li l-persuna hija obbligata li, f'ghamilha, ma tikkawzax hsara jew dannu lil haddiehor taht il-principju tan-neminem laedere……….*

*Illi huwa maghruf ukoll li mhux kull hsara li tiggarrab waqt jew minhabba l-mod kif ikun twettaq kuntratt twassal ghall-htija kuntrattwali. Jista' jkun li nuqqas jaghti lok xorta wahda ghal htija akwiljana, minkejja li jkun sehh waqt u bis-sahha ta' rabta kuntrattwali.*

*Ghalhekk, biex hsara mgarrba waqt it-twettiq ta' kuntratt titqies li hija akwiljana u mhux kuntrattwali,* ***jehtieg jintwera li tali hsara ma jkollha x'taqsam xejn mar-relazzjoni kuntrattwali ezistenti bejn il-partijiet.***[2]

*Illi, ghalhekk, il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, minbarra li ma tapplikax ghall-hsara mahluqa minn ghamil li jikkostitwixxi reat, lanqas ma tapplika fejn l-allegata hsara titnissel minn ksur ta' patt kuntrattwali jew obbligazzjoni li tixbahha.'*

---

[1] Deciza fid-19 ta' Mejju 2005

[2] *Bold* tal-Arbitru

Fil-kaz odjern, il-provditur tas-servizz biegh prodott finanzjarju u dahal f'rabta kuntrattwali mal-ilmentaturi, kif jirrizulta mill-*Purchase Contract Notes* u dokumenti ohra bhall-ircevuta u l-*Interest Advices*, liema kuntratt huwa ta' natura specjali peress li min bieghu huwa *License Holder* tal-*MFSA* u, ghalhekk, japplikaw ghalih regolamenti specjali kif ser jintqal aktar 'il quddiem f'din id-decizjoni.

Kif gie deciz mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[3] ghal kazi bhal dak odjern, ma tistax tapplika l-preskrizzjoni ibbazata fuq *culpa aquiliana* imma tapplika l-preskrizzjoni fejn hemm tnissil minn obbligazzjoni kuntrattwali jew, kif iddecidiet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili,[4] '*wahda li tixbahha'*.

Barra minn hekk, ma ngabet l-ebda prova mill-provditur tas-servizz dwar din l-eccezzjoni, kif ghandu jaghmel min jaghti eccezzjoni bhal dik ta' preskrizzjoni, li l-intenzjoni tkun li twaqqaf il-kaz.

L-eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni qed jigu michuda.

Dwar il-hames eccezzjoni, l-ilment huwa wiehed car u, ghalhekk, m'hemm xejn hazin kif tressaq. Tant huwa hekk, li l-provditur tas-servizz ghamel risposta dettaljata biex iwiegeb l-istess ilment u, matul il-proceduri tal-kaz, qatt ma gab xi prova jew ressaq xi ilment dwar dan u, ghalhekk, din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

L-ahhar eccezzjoni tghid li l-kaz tal-*SNS* ghandu jitqies bhala *casus.* Dwar din l-eccezzjoni ma ngabet l-ebda prova u, kif deciz mill-Qrati taghna, min jallega l-*casus* irid jipprova li dan sehh verament u li, f'dan il-kaz, il-provditur tas-servizz ma kkontribwixxa bl-ebda mod ghalih.

Kif ser jigi ikkunsidrat fil-mertu, l-ilment huwa dwar jekk kellux jinbiegh dan il-prodott lill-ilmentatrici u dwar l-agir tal-provditur tas-servizz fil-konfront taghha, u mhux x'gara mill-prodott wara li nbiegh.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qieghda wkoll tigi michuda.

---

[3] *Roland Darmanin Kissaun vs GlobalCapital Financial Management Ltd*, PA, 1/06/2017 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell f'sentenza fl-istess ismijiet tad-29 ta' Marzu 2019
[4] '*Improved Design Limited vs Dr. Michael Gialanze'*, deciza fid-19 ta' Mejju 2005

**Fil-MERTU**

**L-Arbitru jrid iqis l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**[5]

Biex jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu, l-Arbitru ser iqis il-verzjoni tal-partijiet, janalizza l-prodott , iqis id-dokumenti esebiti u jara jekk il-prodott mibjugh kellux jinghata lill-ilmentatrici filwaqt li jqis il-kondotta tal-provditur tas-servizz waqt li kien qed jinghata s-servizz.

***Il-Verzjoni tal-Ilmentatrici***

**L-ilmentatrici** qalet fl-*affidavit* taghha[6] illi hija investiet fl-*SNS* ghax kien Gottfried Catania li hajjarha tinvesti fih. Dan sar fil-prezenza ta' binha, XQ, li kien jiehu hsieb kollox hu fejn jidhlu investimenti. XQ jaf il-fatti ghaliex kien ikun maghha u kien hu li jikkomunika ma' Gottfried Catania. Kien ikun prezenti fil-laqghat kollha li kien ikollha.

**XQ** xehed illi:[7]

*'Jiena nigi t-tifel il-kbir ta' PQ. Jiena kont il-persuna li heggigt lil ommi biex tinvesti. Ommi dak iz-zmien kellha 67 sena. Meta skopriet li tilfet dawn il-flus, kien xi sentejn ilu, haditha bi kbira hafna li anke jien hadtha ghand it-tabib. U li tigi tixhed hawnhekk kienet tghaddi minn trawma ohra.*

*Nghid kien gie ghandi certu Gottfried Catania, jew cempilli. Kien gie d-dar u kellimi fuq l-All Invest u staqsieni rridx ninvesti u ghidtlu li le ghax dak iz-zmien ma kellix flus x'ninvesti u staqsejtu jridx jitkellem m'ommi u accetta.*

*Ommi giet ghandi u kienet iltaqghet mieghu. Ommi qatt ma riedet tirriskja l-flus taghha.Tkellimna ma' Gottfried Catania fuq x'tista' tinvesti ommi. Wasalna ghall-konkluzjoni li ommi setghet tinvesti xi flus. Jien u ommi konna staqsejna lil Gottfried Catania, anzi konna dejjem cari mieghu, li l-kapital li tinvesti jrid ikun garantit. Jigifieri, jigri x'jigri, l-flus li tkun investiet tehodhom kollha lura. Dwar dan il-prodott Gottfried Catania kien qalilna li l-kapital hu garantit.*

---

[5] Kap. 555, Art. 19(3)(b)

[6] *A fol.* 47

[7] *A fol.* 64 *et seq*

*Dwar dokument li qiegħed a fol 11 qed nigi mistoqsi naghrafx dik il-kitba u nghid li la hija kitba tiegħi u lanqas hi t'ommi. Nghid li lil Gottfried Catania fdajnih. Tant fdajtu li ssuggerejtu lil shabi tax-xogħol u rrakkomandajtu ma'nies oħra ghax, fil-fehma tiegħi, dak iz-zmien kien ragel sew.*

*Dwar id-dokumenti minn a fol 10 sa a fol 16, nghid li l-kitba mhix tiegħi u lanqas t'ommi ghalkemm fl-ahhar hemm il-firma t'ommi.*

*A fol 12 hemm immarkat f'kaxxa promote and selling. Jien ma kontx nifhem u lanqas ommi ma kienet tifhem xi tfisser promote and sell. Nghid li ma kienx offrielna investimenti ohra imma gab dawn il-karti biex niffirmawhom.*

*Dwar fol 16 tal-process fejn hemm imnizzel li PQ hija experienced investor, nghid li dak il-punt ma qamx fil-konverzazzjoni; u la dakinhar u lanqas illum la jien u la ommi ma ahna experienced investors.*

*Nghid li dawn id-dokumenti ommi ma qrathomx u lanqas saret spjegazzjoni taghhom, però, qalilha biex tiffirma u hi ffirmat.*

*Ma kienx qalilna li nistghu niehdu opinjoni ta' haddiehor ghal dan l-investiment, però, ahna wkoll lanqas ghaddielna minn mohhna biex immorru niehdu parir minghand haddiehor.*

*Nghid li l-korrispondenza bl-email saret minni ghax ommi ma tafx tuza l-email. Perjodikament, kienet tistaqsini dwar il-flus u kont nibghat lil Gottfried Catania u nistaqsih jekk il-flus ta' ommi kinux ok. Xi drabi kont incempillu u jew ma naqbdux ghax ikun imsiefer, jew gieli ma kienx iwiegeb. Kont nipprova naqbdu, u meta jirnexxili, kien jghidilna li kollox sew.*

*Fil-fatt, qatt ma tana x'nifhmu li l-affarijiet kienu sejrin hazin; però, darba minnhom ommi semghet li kien hemm kawza kontra l-All Invest, u kont sibt artiklu u bghattu lil Gottfried Catania, u staqsejtu peress li kien deher dak l-artiklu ommi kellhiex ghalfejn tinkwieta. Qalli li dak l-artiklu kien ghal investiment iehor u l-flus tal-mummy kienu kollox sew.*

*Kien hemm kollega tieghi li qal fuq ix-xoghol li Gottfried Catania kien investielu fi prodott fl-MSV u flok tah bil-4%, tah bit-3% u, ghalhekk, jien aktar bdejt ninkwieta. Imbaghad, ircevejna ittra li kienet datata 27 ta' Gunju 2013, li lill-All Invest l-MFSA kienet haditilhom il-licenzja. Din baghtuhielna l-All Invest iffirmata*

*minn Wallace Falzon. Din l-ittra qed tigi esebita bhala Dok AB, fejn qalulna biex niffirmaw u ahna minghalina li l-flus se jghaddu ghand Sparkasse Bank.*

*Imbaghad, minghand Sparkasse Bank ircevejna bhal donnu li rcevew l-affarijiet u dan kien fl-20 ta' Settembru 2013, u minghalina li l-investiment kien ghand Sparkasse Bank.*

*Jien kont kellimt lil Gottfried Catania biex jispjegalna u qalli li m'ghadux ma' All Invest u ma setax itini informazzjoni. Hemm tkellimt ma' Sparkasse Bank u ghall-ewwel ma riedux ituni informazzjoni imma, mbaghad, morna flimkien jien u ommi u kienu spjegawlna li l-flus intilfu. Din kienet l-ewwel darba li ahna skoprejna li l-flus kienu ntilfu. Imbaghad, ahna gibna l-kaz quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji.*

*Ommi dejjem kienet mara tad-dar. Nghid li kellha xi investiment tal-Lehmans Brothers mal-Bank of Valletta, u peress li dan ma kienx mar tajjeb, dejjem tishaq li l-kapital ghandu jkun garantit halli ma jigrilhiex l-istess.*

*Nghid li dan l-investiment kien jiehu hsiebu l-bank ghax ommi la taf tixtri, la taf tbiegh, ma taf xejn minn dan. Ommi dak iz-zmien tal-investiment kienet armla, bil-pensjoni, ohti kienet id-dar ma tahdimx u hija kien qed jistudja u ma kellhiex rizorsi ta' flus kbar.*

*Qed naghmel referenza ghall-email tat-12 ta' Frar 2011, fejn jien kont indikajt investiment bis-7.1%, u jekk wiehed ihares lejn Dok. AC3, dan huwa bis-6.25% - allura jista' jkun ma jkunx l-istess wiehed li ndikajt jien.*

***Kontroezami*:**

*Nghid li meta kien sar il-meeting u kien hemm ommi prezenti, hi rrakkuntat lil Gottfried Catania minn xiex kienet ghaddiet mal-Lehmans Brothers u qaltlu li trid investiment b'kapital garantit. Dakinhar ma ssemmiex l-SNS u kien issemma' f'xi meeting wara.*

*Nispjega li ommi digà kellha l-investiment tal-ARM u dan kien meta jien kont laqqajtha ma' Gottfried Catania. Nikkonferma li dak iz-zmien kien issuggerielna l-SNS biss.*

*Fl-email tat-12 ta' Frar 2011, Gottfried Catania qed jikteb fejn qed jghid li dan kien asset-backed security bhalma kien l-ARM, fejn qed jghid li ommi kien digà*

*kellha l-ARM allura dan il-prodott kien bhalu, u jekk riedet xi haga li kienet aktar safe kien hemm it-TSB, allura kif jien qed nghid li giet offruta l-SNS biss meta giet offruta l-Lloyds, fejn jirrizulta li Gottfried Catania kien offrieli it-TSB bis-6.5%, u mbaghad, fit-22 ta' Frar, 2011, jiena kont indikajt li ninvesti fis-7.1%, u mistoqsi x'kienet ir-raguni tal-ghazla tieghi, nghid li jien kont ghazilt investiment wiehed mill-iehor bis-7.1% fuq suggeriment ta' Gottfried Catania.*

*Qed nigi mistoqsi kienx hemm meeting bejn it-12 ta' Frar 2011, fil-11.30, u l-ahhar email tat-22 ta' Frar 2011, fl-15.48, nghid li ma kienx hemm meeting. Il-meeting dwar il-bejgh dwar l-SNS sar wara.'*

***Il-Verzjoni tal-Provditur tas-Servizz:***

Ghall-provditur tas-servizz xehed Gottfried Catania li qal:[8]

*'Nghid li dak iz-zmien All Invest kienu jcemplu lin-nies biex jaghmlu l-appuntamenti u lili ghamluli appuntament u tkellimt ma' XQ. Dak iz-zmien, is-Sinjur ma kellux flus x'jinvesti u qalli jekk nistax inkellem lil ommu.*

*Nghid li jien iltqajt ma' PQ, u dakinhar, fl-ewwel darba kien ukoll prezenti XQ. L-ewwel darba li tkellimna kont issuggerejt diversi investimenti, però, intaghzel l-ARM minn PQ.*

*Nghid li l-flus kienu ngabru tal-ARM, però, peress li ma ssehhx l-investiment, il-kumpanija baghtet il-flus lura. Jien mort ghandha bil-flus tal-ARM biex nara xi trid taghmel bihom. Ergajna rajna l-investimenti li kont issuggerejt l-ewwel darba u ddecidiet li taghzel il-bond tal-SNS.*

*Nghid li gieli ghaddiet korrispondenza ma' XQ fuq dan il-kaz. Ma ghandix record ta' xi prodotti li kont issuggerejtilha.*

*Qed tigi murija lili korrispondenza a fol 62 tal-process, u din hi email li jien bghatt lil XQ fit-12 ta' Frar 2011, fejn spjegajtlu li dan l-investiment li konna ssuggerejna, l-ARM Bond, hu kkonsidrat relatively safe imma jekk trid xi haga aktar safe kellna l-Lloyds TSB bis-6.5%.*

[8] *A fol.* 70

***Kontroezami***:

*Jiena ma niftakarx xi ssuggerejt barra l-SNS. Dak iz-zmien, PQ kienet housewife. Fil-fatt, min-notamenti kienet irtirata, kienet pensjonanta. Hi kellha skola sekondarja. Nghid li fil-fatt, hi kellha investimenti ohra qabel barra dan. Kellha complex bond mal-Lehman Brothers. U kellha structured fund tal-HSBC.*

*Nghid li meta kienet se tinvesti riedet investiment aktar safe milli kellha qabel. Is-servizz kien promotion and selling.*

*Dwar l-SNS ghidtilha li ghandna bond li huwa subordinated li gejjin minn banek u minn pajjizi fl-Ewropa li ghandhom ratings tajbin; allura, sa dak iz-zmien, kull meta kien ikun hemm problemi fil-banek, il-gvern kien jissapportjahom sakemm jergghu jigu fuq saqajhom, allura, r-riskju kien jidher li mhux gholi. Nghid li bhala dhul kellha €10,000 fis-sena, bejn pensjoni u income iehor li jitqies income baxx.*

*Ma niftakarx jekk qaltlix li riedet li l-kapital tiehdu kollu lura. Nghid li l-prodott SNS jiena semmejtu. Il-flus li investiet PQ kienu l-istess flus li gew lura mill-ARM u mill-ARM kienet hadet xi haga zghira tal-imghax.*

*Qed nigi muri minn fol 11 sa fol 16 tal-process, u nghid li din hija l-kitba tieghi fuq dawn id-dokumenti. Jien nistaqsi l-mistoqsijiet u nimla. Nghid li dawn kienu dokumenti standard form.*

*Qed nigi muri email a fol 63 tal-process, l-email li hija datata 22 ta' Frar 2011, u l-kuntratt hu datat 12 t'Awissu 2011, u qed jinghad lili li dik l-email a fol 63, kienet l-ahhar komunikazzjoni bejnietna, nghid li jien ma niftakarx.'*

**Analizi tal-Prodott *SNS***

In-*Notes* ***6.25% SNS Bank NV 2010-2020*** (*ISIN: XS0552743048*) (*SNS*) inhargu minn *SNS Bank N.V.* fis-26 ta' Ottubru 2010, b'data tal-maturità 26 ta' Ottubru 2020. Il-kupun kien 6.25% fis-sena. Kellhom *status* ta' *Tier 2 Subordinated*.

L-*SNS Reaal* hija l-*holding company* ta' *SNS Bank* u kumpanija tal-assikurazzjoni *REAAL N.V.* Il-pozizzjoni finanzjarja ta' *SNS REAAL* iddeterjorat matul is-snin b'mod partikolari minhabba l-attività diretta fil-proprjetà minn *SNS Property Finance* li *SNS Bank* kien xtara fis-sena 2005.

Id-diprezzament tal-valur tal-portafoll ta' din is-sussisdjarja wassal biex *SNS* jigi nazzjonalizzat fl-1 ta' Frar 2013 b'digriet mill-istat Olandiz.

**Fuq perjodu ta' tliet snin qabel ma kien nazzjonalizzat, l-operat u s-sitwazzjoni finanzjarja ta' *SNS Bank* kienu taht skrutinju minn diversi *rating agencies*. Minn zmien ghal zmien, uhud minn dawn l-agenziji ikkummentaw ta' spiss dwar il-qaghda tal-bank u sahansitra baxxew ir-*ratings* fuq il-bank u l-*bonds* mahruga minnu.**

**Kienu wkoll qed ibassru li *subordinated bonds* – li l-banek johorgu biex isostnu l-livelli tal-kapital taghhom - jistghu ma jkollhom lil hadd min isostnihom f'kaz li l-bank li jkun qed johrog il-*bond* ma jasalx biex ihallas. *Subordinated bonds* jigu minn tal-ahhar fir-*ranking* f'kaz ta' likwidazzjoni.**

**Infatti, fil-lista ta' kredituri, jirrenkjaw wara l-gvern u *senior creditors*. Il-fatt li dawn il-*bonds* huma *subordinated* ifisser li huma ta' riskju u mhux tajbin ghal kull investitur. Ir-riskji kienu reali u mhux fuq il-karta biss.**

Il-fatt li *SNS Bank* kien *a systemically important bank* fl-Olanda ma kienx ifisser li akkost ta' kollox l-istat kien ser jerga' jaghti sostenn finanzjarju lill-bank wara dak li ghamel fis-sena 2008

Fil-mument li l-bank gie nazzjonalizzat, l-istat kien ghadu ma thallasx kollox minn *SNS* fir-rigward ta' din l-ghajnuna finanzjarja li inghata.

Apparti dan, il-fatt li kien digà wiezen lil *SNS* b'sostenn finanzjarju, kien digà indikazzjoni tal-istat finanzjarju tal-bank. Tant hu hekk, li f'nofs is-sena 2012, il-bank kien habbar li kien qed jesplora possibiltajiet biex isahhah il-pozizzjoni tal-kapital tieghu. Anke f'nofs dik l-istess sena, l-istat Olandiz introduca ligi gdida b'aktar ghodda biex ikun jista' jimmanuvra istituzzjonijiet finanzjarji bi problemi. Huwa veru li hadd ma kien qed ibassar li l-istat kien ser juza din il-ligi ghall-ewwel darba fir-rigward tal-*SNS,* jew inkella jivvaluta ghal zero l-ishma u l-*bonds subordinated* tal-bank.

Imma l-bank kien digà kellu problemi serji qabel ma sar l-investiment fih minn *All Invest Company Ltd.* ghall-ilmentaturi. *Subordinated bond* huwa dejjem meqjus bhala investiment riskjuz.

**Kif inbiegh inbiegh dan il-Prodott lill-Ilmentatrici:**

Fil-*File Note* esebita,[9] il-provditur tas-servizz jiddikjara li biegh dan il-prodott a bazi ta' *Promotion and Selling* li, fi ftit kliem, ifisser li hu ma kienx qed jaghtihom parir imma kellu biss l-obbligu li jispjegalhom il-karatteristici tal-prodott.

Però, l-ilmentatrici xehdet mod iehor. Hija qalet li ma kinetx persuna tifhem fl-investimenti u kien jehdilha hsieb kollox binha. Binha xehed li la hu u lanqas ommu ma kienu jifhmu xi tfisser '*promote and sell'*.[10]

Jidher car li l-provditur tas-servizz ghazel li jimmarka l-kaxxa ta' *Promote and Sell* sabiex jezonera ruhu u ma jaghmilx is-*suitability assessment* marbut ma' servizz ibbazat fuq il-parir. Il-provditur tas-servizz ma gab l-ebda prova tangibbli kif l-ilmentatrici, mara ta' 67 sena li ma kellha l-ebda tahrig fis-servizzi finanzjarji, setghet tiddikjara li ma ridetx parir. Fil-fatt hija xehdet, kif xehed binha wkoll, li kienu taw il-fiducja taghhom lill-provditur tas-servizz u qaghdu fuq dak li qalilhom hu. Hija ffirmat id-dokumenti u li fl-ebda mument ma gew spjegati lilha.

Imma anke kieku l-Arbitru kellu jqis dan is-servizz bhala *Promotion and Selling*, xorta wahda l-provditur tas-servizz kellu l-obbligu li jaghmel *appropriateness test.*

Dwar dawn it-tip ta' *bonds* il-provditur tas-servizz kellu jara, qabel kollox, jekk l-investitur kinetx f'qaghda li tifhem sew mhux biss in-natura ta' dawn il-*bonds* imma wkoll ir-riskji abbinati maghhom.

Il-provditur tas-servizz kellu jistabbilixxi jekk l-investitur prospettiv kellux *knowledge and experience* fit-tip ta' investiment relevanti ghall-prodott jew servizz li kien qed jigi offrut jew mitlub. Dan kellu jsir biex il-provditur tas-servizz ikun f'qaghda li janalizza jekk il-prodott jew servizz hux tajjeb (*appropriate*) ghall-investitur.

L-*Appropriateness Test* li kellu jsir mill-provditur tas-servizz kellu appuntu dan il-ghan.

---

[9] *A fol.* 12
[10] *A fol.* 65

Apparti hekk, il-provditur tas-servizz kien ukoll obbligat li jaghti taghrif (*disclosure*) dwar il-karatteristici tal-prodott, kif ukoll ir-riskji abbinati. Dan sabiex l-investitur seta' jiehu decizjoni infurmata.

Dan huwa stabbilit f'regoli 2.21 u 2.22 tal-*Investment Services Rules-Standard Licence Conditions* (*ISR-SLC*) mahruga milll-*MFSA* li kienu japplikaw ghall-provditur tas-servizz odjern.

Il-provditur tas-servizz stess xehed li l-ilmentatrici kienet *'housewife'.*

*'Fil-fatt, min-notamenti kienet irtirata, kienet pensjonanta. Hi kellha skola sekondarja'*.

Filwaqt li jghid li hija kellha xi investimenti ohra qabel, jghid ukoll li:

'*Nghid li meta kienet se tinvesti riedet investiment aktar safe milli kellha qabel'.*

Il-provditur tas-servizz ma spjega bl-ebda mod kif l-*SNS* kien '*safe'* aktar. Fil-fatt, kif digà saret referenza aktar 'il fuq f'din id-decizjoni meta gie analizzat l-*SNS*, meta sar l-investiment lill-ilmentatrici dan il-Bank kien digà kellu problemi serji; izda, ghall-provditur tas-servizz din ma kinetx problema ghaliex serrah rasu li l-gvernijiet kienu ser jghinu l-banek li kienu f'diffikultà. Dan kien riskju li ha l-provditur tas-servizz li m'ghandhiex tbatih l-ilmentatrici.

Fuq kollox, peress li l-ilmentatrici riedet prodott *'safe'* u li tiehu l-kapital lura, u dan il-prodott ma kienx jiggarantixxi l-kapital, allura, ma ntlahqux *l-aspirazzjonijiet legittimi u ragonevoli taghha* kif jistipula l-Art. 19(3)(c) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta.

Barra minn hekk, kienet tezisti relazzjoni fiducjarja bejn il-partijiet u, ghalhekk, il-provditur tas-servizz kellu jagixxi bhala missier tajjeb tal-familja u jara li flus tal-ilmentatrici ma jitpoggewx f'riskju zejjed kif, fil-fatt, gara.

Bhala *Licence Holder* tal-*MFSA*, il-provditur tas-servizz kellu wkoll jaghti servizz professjonali u fl-ahjar interessi tal-konsumatur:

*'When providing Investment Services to clients, a Licence Holder shall act honestly, fairly and professionally in accordance with the best interests of its clients and shall comply with the relevant provisions of the Act, the Regulations*

*issued thereunder, these Rules as well as with other relevant legal and regulatory requirements'.*[11]

Kieku l-provditur tas-servizz ghamel *Appropriateness Test* bir-reqqa kif kellu jaghmel, ma kienx joffri dan il-prodott lill-ilmentatrici li, kif xehed hu stess, kienet mara avvanzata fl-età u li digà kienet pensjonanta u rtirata mix-xoghol. Meta persuna tasal f'dik l-età huwa mistenni li l-provditur tas-servizz iqis dawn ic-cirkostanzi u verament jagixxi '*in the best interests of the client'.*

**Ghar-ragunjiet kollha moghtija f'din id-decizjoni, l-Arbitru jasal ghall-konkluzjoni li l-ilment huwa wiehed gust, ekwu u ragonevoli u qed jilqghu sakemm huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni.**

**L-ilmentatrici investiet is-somma ta' €7,432.80.**[12]

**Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru qed jordna lil *All Invest Co. Ltd.* thallas lill-ilmentatrici s-somma ta' sebat elef, erba' mija u tnejn u tletin ewro u tmenin centezmu (€7,432.80).**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez tal-kaz huma ghall-provditur tas-servizz.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

[11] *SLC 2.01*
[12] *A fol.* 10